





# Youth@Work
## – inizjattiva Ewropea favur żgħażagħ bla xogħol

**Fl-Unjoni Ewropea (UE) madwar 20.7% taż-żgħażagħ li jistgħu jaħdmu jinsabu bla xogħol. Fi Stati Membri bħal-Latvja, l-Estonja u Spanja, din ir-rata titla' sa 40%. Dawn il-figuri huma inkwetanti meta wieħed iqis li r-rata tal-qgħad fl-UE hija ta' 9.5%.**

**Il-biċċa l-kbira taż-żgħażagħ bla xogħol huma dawk li għandhom nuqqas ta' edukazzjoni u taħriġ li jissarraf f'nuqqas ta' ħiliet u għalhekk l-UE qiegħda tindirizza din il-problema bl-inizjattiva 'Youth@Work'.**

**'Youth@Work' hi maħsuba biex iktar żgħażagħ jaħdmu fil-qasam tan-negozju, b'mod partikulari dak tal-Intrapriżi żgħar u Medji (SMEs). Bħalissa huwa stmat li 2.5% biss tan-nies li jaħdmu għal rashom fl-UE huma iżgħar minn 25 sena.**

**'Youth@Work':**

- **tlaqqa' flimkien żgħażagħ u imprendituri u toffrilhom l-għajnuna biex jikber in-numru ta' ħaddiema żgħażagħ fin-negozju.**
- **tgħin liż-żgħażagħ li jixtiequ jibdew in-negozju tagĐhom billi ssarraf f'azzjoni l-ħeġġa żagħżugħa tagħhom.**
- **iżżid in-numru ta' żgħażagħ li jaħdmu f'SMEs li fir-realtà huwa l-inqas settur imfittex għax-xogħol miż-żgħażagħ.**
- **tħeġġeġ aktar SMEs jimpjegaw liż-żgħażagħ. L-SMEs ħafna drabi joqogħdu lura milli jimpjegawhom minħabba n-nuqqas ta' esperjenza.**

**L-inizjattiva 'Youth@Work' ġiet fdata f'idejn l-aġenziji tax-xogħol fl-Istati Membri. F'Malta l-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ, l-ETC, għandha programm speċifiku msejjaħ 'I CAN' li jagħti taħriġ lil dawk li jkunu jfittxu x-xogħol u kif ukoll lil dawk li jaħdmu biex iżidu l-ħiliet tagħhom għal iktar opportunitajiet ta' xogħol u xogħol aħjar.**

**Għal iktar informazzjoni ikkuntattja lill-ETC (2165 4940 jew http://www.etc.gov.mt/) jew lill-MEUSAC (ara d-dettalji hawn taħt).**

---

MEU SAC

Malta-EU Steering
& Action Committee

280, Triq ir-Repubbblika, il-Belt Valletta VLT 1112
2200 3300
info.meusac@gov.mt
www.meusac.gov.mt